MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 791/2007

**A. J. & F Attard Limited**

**vs**

**John Pio Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ipprezentat fid-29 ta' Ottubru 2007 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm168) illum ekwivalenti ghal tlett mija, wiehed u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€391.33c) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma' tmiem tal-impjieg tal-istess konvenut skond ma' kif jirrizulta minn dokument immarkat Dok AJF1 inkluz valur ta' safety shoes u inkluz ammont li kien gie misluf lill-konvenut personalment. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien legalment notifikat baqa' ma pprezenta ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici. Innota wkoll illi l-konvenut naqas sabiex jidher kemm fis-seduta tal-18 ta' Frar, 2010 u kif ukoll ghas-seduta tal-lum. Sema' lil Dr. Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament taghha li l-ammont mitlub f'din il-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum. Ra u ezamina wkoll id-dokument esebit immarkat Dok AJF1. Innota li l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx ghas-seduta tal-lum li giet imhollija sabiex jitressqu l-provi kollha tal-partijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna l-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija, wiehed u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€391.33c). Bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------